# Sena rekord għall-għasafar tal-baħar maqbudin fuq l-art

## Tul l-2018, grazzi għar-rispons tal-pubbliku, ġew salvati 24 Ċiefa li nqabdu fuq l-art u li nħelsu lura fuq il-baħar

Din is-sena membri tal-pubbliku salvaw rekord ta' 24 Ċiefa li nqabdu fuq l-art, ħamsa aktar mill-2017. Din hija prova tal-effetti preokkupanti li qed ikollhom il-livelli dejjem jiżdiedu tat-tniġġis mid-dawl madwar il-Gżejjer Maltin.

Dawn l-għasafar li jinqabdu fuq l-art ikunu frieħ, għasafar żgħar li jkunu ħallew il-bejta għall-ewwel titjira tagħhom u jispiċċaw diżorjentati mid-dwal qawwija tal-iżvilupp mal-kosta u fl-ibliet, li jwassal biex jinqabdu fuq l-art. Din is-sena ħafna mill-għasafar tal-baħar maqbudin fuq l-art instabu f'Ħal Far u l-Port Ħieles f'Malta, u fir-Rabat u x-Xlendi f'Għawdex – kollha postijiet b'livelli għoljin ta' tniġġis mid-dawl.

Din ix-xejra kienet ħarġet b'mod ċar ukoll fin-numri rekord ta' Garni maqbudin fuq l-art aktar kmieni din is-sena. Għasafar tal-baħar li jispiċċaw fuq l-art minflok fil-baħar ikunu vulnerabbli ħafna għal predazzjoni, li jittajru minn vetturi, jew li jsofru telf ta' ilma mill-ġisem (dehydration). Każi fejn għasafar tal-baħar jispiċċaw maqbudin fuq l-art kaġun tad-dwal huma wieħed mill-fatturi ewlenin li jwasslu għal rata għolja ta' mwiet għal dawn il-frieħ madwar id-dinja.

Iż-żieda fid-dwal kostali matul il-lejl fis-snin riċenti wasslet biex żdiedu b'mod qawwi l-każi ta' għasafar tal-baħar li jinqabdu fuq l-art. Il-perjodu ta' urbanizzazzjoni u żvilupp b'rata mgħaġġla li għaddejja minnu Malta llum probabbli li huwa l-aktar fattur li qed jikkontribwixxi biex is-sitwazzjoni tmur għall-agħar. Madanakollu, bis-saħħa taż-żieda fil-kuxjenza fost il-pubbliku li qed jiġġenera l-proġett LIFE Arċipelagu Garnija dwar dan is-suġġett, aktar għasafar tal-baħar ġew salvati u meħlusa mill-ġdid 'il bogħod mill-periklu.

It-tniġġis mid-dawl iseħħ kaġun ta' dwal mhux installati kif suppost, strutturi mdawla b'mod eċċessiv, u dawl mhux iffukat. Kien hemm żmien meta Malta kienet magħrufa bħala post ħieles mit-tniġġis mid-dawl li jtellef billejl, imma llum hija kklassifikata fis-17-il-post fid-dinja fost il-pajjiżi bl-akbar ammont ta' tniġġis mid-dawl meta mqabbel mad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

Skont l-aħħar reviżjoni tal-Atlas of Artificial Night-Sky Brightness, it-Triq ta' Sant'Anna (Milky Way) hija viżibbli biss minn 11% tal-Gżejjer Maltin. Il-livelli ta' tniġġis mid-dawl mistennija jiżdiedu hekk kif żviluppi ġodda llum qed imorru għal LEDs li jitfgħu dawl abjad li jaħlu inqas enerġija imma li jikkawżaw id-doppju tat-tniġġis meta mqabbla mas-sistemi tradizzjonali li jitfgħu dawl isfar. Studji xjentifiċi jidentifikaw it-tniġġis mid-dawl bħala theddida li qiegħda dejjem tikber għall-ekosistemi globali minħabba li d-dawl artifiċjali matul il-lejl jisfratta l-imġiba normali tal-pjanti u l-annimali.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta qed ikompli jaħdem biex itaffi l-impatti tat-tniġġis mid-dawl. Fit-22 ta' Novembru, il-proġett se jospita *workshop* dwar it-tniġġis mid-dawl flimkien ma' ADŻ Green Youth Malta u l-Light Pollution Awareness Group fir-Riserva Naturali tas-Salina bl-iskop li jipprovdi informazzjoni lil kunsilli lokali, sidien ta' negozji u assoċjazzjonijiet oħra dwar il-perikli tat-tniġġis mid-dawl, b'enfasi fuq l-għasafar tal-baħar ta' Malta. BirdLife Malta hija kuntenta bl-ispirtu ta' koperazzjoni li qed turi Transport Malta bħala wieħed mill-imsieħba f'dan il-proġett.

Jekk int interessat tattendi għall-*workshop* "Shining a light on Pollution", jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Project Warden Martin Austad fuq martin.austad@birdlifemalta.org biex tibbukkja l-post tiegħek.

BirdLife Malta tixtieq tirringrazzja lill-uffiċjali tat-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u lill-membri kollha tal-pubbliku li qed jassistu biex jiġu salvati għasafar tal-baħar li jinqabdu fuq l-art. L-għasafar kollha li nġabru nħelsu mill-ġdid fil-baħar b'suċċess.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

**Niżżel ir-ritratti minn hawn:** https://we.tl/t-9lsPLytglH (Ritratti ta' BirdLife Malta)

1. Ferħ ta' Ċiefa fil-mument qabel tar lura fuq il-baħar wara li ġie salvat minn membri tal-pubbliku li sabuh maqbud f'zona urbana, diżorjentat minħabba d-dwal qawwija
2. Tniġġis tad-dawl mal-kosta minn LEDs qawwija li jitfgħu dawl eċċessiv u mhux iffukat huma l-kaġun prinċipali li għasafar tal-baħar żgħar jispiċċaw maqbudin fuq l-art
3. Il-kuntrast ċar tad-dija u t-tniġġis mid-dawl li jitfgħu LEDs u bozoz konvenzjonali li jużaw is-sodju biex jitfgħu d-dawl kif jidher minn Buġibba

**Niżżel il-filmat minn hawn:** https://youtu.be/xrtugl85nBc

- Sena rekord għall-għasafar tal-baħar maqbudin fuq l-art (Filmati ta' BirdLife Malta u Steve Zammit Lupi, muntaġġ ta' Kinga Kupska).

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB